**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Patrick Pullicino**

Kaz Numru: 714/2015

Illum 27 ta' Awwissu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjub kontra l-imputat **Patrick Pullicino**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Carmel u Mary neé Desira, imwieled Pietà, nhar il-01 ta' April, 1994, residenti fil-fond numru 90A, Premier, Triq il-Kartaginizi, Birzebbugia, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 188694(M) akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Awwissu, 2015, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ghal habta ta' bejn is-siegha u s-siegha u nofs ta' filghodu (01.00hrs – 01.30hrs) tat-23 ta' Awwissu, 2015 seraq tlett mija u hamsa u hamsin Euro (€355.00) fi flus minn gewwa l-fond *Lourdes Service Station*, Triq il-Mina Ta' Hompesch, Zabbar, ghad-detriment ta' Michael Buhagiar, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur;

2. fl-istess lok, data hin, u cirkustanzi volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal mija u erbghin Euro (€140.00) u dan ghad-detriment ta' Michael Buhagiar;

3. ghal habta ta' bejn is-siegha u nofs u s-saghtejn ta' filghodu (01.30hrs – 02.00hrs) tat-23 ta Awwissu, 2015 seraq hamsin Euro (€50.00) fi flus minn gewwa l-fond *JCC Enterprises Ltd.* Triq Ghar Dalam, Ghaxaq, ghad-detriment ta' Joseph Azzopardi, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-mezz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula bi ksur tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjon tiddikjara li l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jinsab ghand l-istess Prosekuzzjoni u li dan ser jigi mghoddi lill-vittmi.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija taghha, u l-fedina penali tieghu. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' prigunerija effettiv jew ta' wiehed sospiz. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jaghraf jimxi fit-triq it-tajba u jaghraf ma jergghax jirrepeti l-izball li huwa kkommetta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 49, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Patrick Pullicino hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Patrick Pullicino taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghtija llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu

ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Patrick Pullicino.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**